# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru,1999.**

**Numru 31**

**Citaz. numru 906/89 DS**

Joseph Balzan
vs
Michele Celotti u b'digriet tal-31 ta' Dicembru 1992 l-Avukat Pierre Lofaro u l-P.L. Edgar Montanaro gew nominati bhala kuraturi ghall-istess Michele Celotti stante l-assenza tieghu minn dawn il-Gzejjer

Illum, 22 ta' Novembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Settembru 1989 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut il-luzzu tas-sajd li kien igib in-numru PTF225.

Illi l-partijiet ghamlu ftehim quddiem in-Nutar Dr. Joe Cilia datat 21 ta' Marzu 1989 rigwardanti l-istess bejgh, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u markata Dokument "A", mill-liema ftehim jirrizulta illi l-konvenut kellu jhallas il-bilanc tal-prezz ammontanti ghal elf u hames mitt lira maltija (Lm1,500) permezz ta' tmien pagamenti mensili ta' mija w disghin lira maltija l-wiehed sakemm jinqata l-bilanc kollu u minghjr interessi.

Illi l-konvenut hallas zewg akkonti ta' mitejn lira maltija l-wiehed, liema pagamenti saru fix-xhar t'April u Mejju 1989 u naqas li jhallas il-pagamenti mensili li ska dew f'Gunju, Lulju u Awissu 1989 u ghalhekk

illum huwa debitur tal-attur fis-somma komplessiva ta' elf u mitt lira maltija (Lm1100).

Illi l-konvenut qed jirrifjuta li jkompli jhallas il-bilanc kollu dovut minhabba pretenzjonijiet li m'ghandhomx bazi fil-ligi kontra l-attur.

Illi l-attur interpella lill-konvenut biex ihallsu dak lilu dovut u l-konvenut naqas li jaghmel dan, anzi informa lill-attur li ma kienx bi hsiebu jaffetwa ebda pagament.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ghad fadallu jhallas lill-attur is-somma ta' elf u mitt lira maltija, bilanc ta' somma akbar prezz ta' luzzu lilu mibjugh u kkonsenjat;

2. Tikkundanna lill-konvenut jhallas l-istess bilanc fit-terminu stipulat fil-ftehim tal-21 ta' Marzu 1989 li sar bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Dr. Joe Cilia;

3. Fin-nuqqas ta' pagament entro t-terminu stabbilit fl-imsemmi kuntratt, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-bilanc dovut bl-interessi legali mid-data tal-iskadenza ta' kull pagament mensili sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju 1989 u tal-Mandat ta' Impediment tal-partenza kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex il-partijiet ma tawx ezekuzzjoni ghall-ftehim li kopja tieghu giet esebita mac-citazzjoni, izda ghamlu ftehim kompletament differenti, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez peress li huma bazati fuq ftehim li ma nghatax ezekuzzjoni.

2. Illi l-partijiet ftehmu li l-attur ibiegh il-luzzu u jippresta servizzi u ta' dan diga thallas in akkont is-somma ta' Lm2,500 kif jirrizulta mill-annessi kopji ta' ricevuti markati Dok. A, B, C, D.

3. Minghajr pregudizzju illi l-luzzu kellu difetti sostanzjali li minhabba f'hekk giet karpita il-bona fede tal-eccipjent kompratur li nkorra danni sostanzjali biex jirrimedja ghalihom.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn qal:

1. Illi originarjament il-partijiet ftehmu li l-attur ibiegh lill-konvenut luzzu bil-prezz ta' Lm2,000.

2. Illi sussegwentement il-partijiet ftehmu li jaghmlu ftehim gdid fis-sens li l-attur ibiegh lill-konvenut luzzu u jipprestalu servizzi fis-sens li jiehu hsieb l-istess luzzu u jaghtih mooring facilities u l-uzu ta' dinghi u ta' trailer ghal perijodu ta' sentejn bil-prezz komplessiv ta' Lm3,600.

3. Illi l-attur ikkonsenja l-luzzu lill-esponent izda wara nfurmah li kien ser ikollu bzonn il-mooring facilities u t-trailer ghat-tifel tieghu, u inoltre l-attur baqa' jutilizza l-luzzu minghajr il-kunsens tal-esponent, u kontra l-volonta' tieghu u konsegwentwement giet karpita il-bona fede tal-esponent.

4. Illi l-luzzu kellu difett gravi fil-magni u biex gew riparati l-esponent sofra danni.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob li:

(a) Jigi dikjarat u deciz li l-luzzu kellu difett gravi li ghalihom huwa responsabbli l-attur;

(b) Li dawn id-danni jigu likwidati okkorrendo permezz ta' perit nominandi;

(c) Li l-attur jigi kundannat ihallas lill-esponent id-danni hekk likwidati bl-interessi legali minn meta gew sofferti mill-esponent.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat fejn qal:

1. Illi d-domandi kif kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi gew prezentati barra t-terminu stipulat mill-ligi, u dana a tenur tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

2. Illi fi kwelunkwe kaz, id-domandi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi nominati b'digriet tal-31 ta' Dicembru 1992 biex jirrapprezentaw lill-imsemmi konvenut stante l-assenza tieghu minn dawn il-Gzejjer;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-30 ta' Jannar 1990 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Ciappara bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet kompriza l-kontro-talba u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-21 ta' Gunju 1994 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Philip Sciberras bhala perit legali in sostituzzjoni tal-perit legali precedenti u dan bl-assistenza ta' William Cassar Torreggiani bhala espert tekniku;

Rat id-digriet tas-7 ta' April 1997 fejn gie nominat Paul Cardona bhala perit tekniku in sostituzzjoni tal-perit tekniku precedenti;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Dicembru 1998 fejn il-Qorti dderigiet lill-perit legali biex possibilment jirrelata minghajr il-parir tekniku;

Rat ir-relazzjoni pprezentata mill-perit legali u minnu mahlufa fis-7 ta' Mejju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur qieghed jitlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' Lm1100 li tirrapprezenta bilanc fuq il-prezz ta' luzzu li huwa biegh lill-konvenut. Fic-citazzjoni jaghmel riferenza ghal ftehim li sar bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Dottor Joe Cilia fil-21 ta' Marzu 1989 (a fol. 4 u 5 tal-process). Da parti tieghu l-konvenut sostna fl-eccezzjonijiet u dikjarazzjoni tieghu li l-imsemmi ftehim ma nghatax esekuzzjoni ghaliex

ghamlu ftehim kompletament differenti fis-sens li l-ftehim gdid kien jinkorpora kemm il-bejgh tal-luzzu kif ukoll il-prestazzjoni ta' servizzi.

Ta' min ighid li l-konvenut ma xehedx tul dawn il-proceduri u sahansitra siefer, tant li kellhom jigu nominati kuraturi biex jirrapprezentawh. L-uniku xhud minnu prodott kien certu Loreto Caruana, marine mechanic, li xehed dwar it-tiswijiet li ghamel fuq il-magni tal-luzzu. Mill-banda l-ohra l-attur xehed u pproduca wkoll bhala xhieda lil uliedu Manwel Balzan u Jason Balzan.

L-attur xehed dwar in-negozjati li saru u kif intlahaq ftehim ghall-bejgh tal-luzzu lill-konvenut bil-prezz ta' Lm3600. Ta rendikont tal-pagamenti li saru. Spjega li kien il-konvenut li ried li fuq l-iskrittura titnizzel il-figura ta' Lm2000.

Manwel Balzan ukoll xehed dwar in-negozjati u bazikament jikkorrobora dak li xehed l-attur. Waqt il-kontroezami tieghu jidher li jikkontradici lilu nnifsu meta jghid: *"M'inhix cert jekk il-prezz kienx jinkludi xi oggetti ohra oltre l-luzzu, bhalma hu trolley."* Imbaghad li: *"Imma cert li l-prezz ta' Lm3600 kien ghal-luzzu biss. Ma kienx hemm accessorji nkluzi. Seta' ntqal xi haga wara li ntlahaq il-ftehim u kollox. Mistoqsi specifikatament dwar trolley, nghid li ma jidhirlix li dan issemma. Lanqas dwar dinghy."*

Jason Balzan stqarr li l-konvenut ipprova l-luzzu erba' darbiet quddiemu u kull darba l-konvenut ghamel "checking" tal-magni. F'kull okkazjoni kien soddisfatt. Meta l-luzzu ghadda f'idejn l-konvenut kien ghadu kemm sarlu "service" u kien "in good working condition".

Fix-xiehda tieghu Loreto Caruana spjega fid-dettal ir-riparazzjonijiet li ghamel fuq il-magni u li ghamel x-xoghol qabel is-sajf ta' l-1989.

Kif diga' ntqal il-konvenut sostna li l-prezz miftiehem ghal-luzzu kien ta' Lm2000 u li l-bilanc kien ghall-prestazzjoni ta' servizzi. Pero huwa naqas li jissostanzja dan. Huwa veru li l-ftehim li sar quddiem in-Nutar Dottor Joe Cilia jghid proprju li l-bejgh tal-luzzu kien qed isir bil-prezz ta' Lm2000, izda l-attur xehed li dan sar hekk fuq talba tal-konvenut stess "ghal ragunijiet ta' spejjez tieghu" (seduta peritali tat-2 ta' Lulju 1990) u "xtaq inaqqas mill-ispejjez tieghu. Il-konvenut semma' xi haga dwar taxxa" (seduta peritali tat-2 ta' April 1992).

Wara li l-Qorti ezaminat il-provi kollha migbura waslet ghall-konkluzjoni li, kif anke gustament ikkonkluda l-perit legali, m'hemm l-ebda raguni ghaliex l-attur m'ghandux jitwemmen. Difatti, apparti l-fatt li l-istess

ftehim ma jsemmi xejn dwar xi prestazzjonijiet, m'hemmx x'jindika li l-ftehim miktub imsemmi gie sostitwit b'xi ftehim iehor. Tali ftehim hu datat 21 ta' Marzu 1989. Il-konvenut stess esebixxa man-nota ta' eccezzjonijet tieghu kopji ta' rcevuti u ta' cekk tal-pagamenti li ghamel lill-attur. Fosthom hemm ircevuta datata l-14 ta' Marzu 1989 ghal Lm200 fejn hemm miktub li din is-somma qed tithallas bhala "part of the sum Lm3600 … for the selling of the fishing boat No. P.T.F. 225". Dan jindika (1) li l-prezz ghal-luzzu kien ta' Lm3600 u (2) li l-ftehim kien diga' ntlahaq mill-inqas gimgha qabel il-ftehim miktub tal-21 ta' Marzu 1989. Hemm imbaghad ircevuta datata 21 ta' Marzu 1989 ghal Lm1400 (Dok. A a fol. 11) fejn huwa ripetut l-istess kliem. Din hija d-data meta sar il-ftehim bil-miktub, meta allura kien ghad baqa' bilanc ta' Lm2000 x'jithallas – il-figura li giet indikata fil-ftehim miktub bhala l-prezz tal-luzzu. Skond l-istess ftehim is-somma ta' Lm500 thallset akkont dakinhar. Jidher li din is-somma ta' Lm500 hija rapprezentata mic-cekk ta' Lm500 datat 22 ta' Marzu 1989 (Dok. D a fol. 14). Sussegwentement saru zewg pagamenti ohra ta' Lm200 il-wiehed: wiehed fis-17 ta' April 1989 (Dok. B a fol. 12) u iehor fis-16 ta' Mejju 1989 (li l-attur stess ighid nizzel erronejament 16/4/89). Minn dan kollu ghalhekk jidher li effettivament baqa' bilanc x'jithallas ta' Lm1100.

Il-konvenut pero' ghamel kontro-talba fejn qieghed jitlob il-likwidazzjoni ta' danni minhabba "difetti gravi" li jghid li kien hemm fil-luzzu. Ghal dit-talba l-attur invoka l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili. Tali artikolu jipprovdi li x-xerrej jista' jaghzel, billi jigi '1 quddiem bl-azzjoni redibitorja, u jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella billi jigi '1 quddiem bl-azzjoni estimatorja, u jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti.

F'dal-kuntest il-perit legali gustament pona l-kwezit jekk il-konvenut setax jinjora r-regoli abbinati ma' l-istitut tal-bejgh u in via redibitorja biex invece jirreklama d-danni. Huwa jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet "Emmanuele Scicluna vs Carmelo Xerri noe" tas-16 ta' Jannar 1958 (Vol. XLII.ii.855) fejn gie ritenut illi: *"L-opinjoni preponderanti tal-interpreti hija fis-sens illi si tratta ta' regola specjali, li ghandha ghalhekk tipprevali ghad-dispozizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li, ladarba l-ligi stess idedterminat l-effetti tal-vizzju, ma ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej drittijiet, u lill-venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati minn dik il-ligi."* Konsegwentement, kif ighid Vivante kkwotat fl-istess sentenza, *"fuori di quel diritto di scelta fra la riduzione del prezzo o la risoluzione del contratto, il Codice Civile non concede pei vizi redibitori altro rimedio al compratore (art. 1501)"*.

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut ma ghazel l-ebda wahda minn dawn l-azzjonijiet. U anke jekk stess kellu jaghzel xi wahda minnhom, jirrizulta li meta avvanza l-pretensjonijiet tieghu fil-kontro-talba, il-perijodu stabbilit ta' xahar skond il-ligi vigenti meta sehh il-kaz in ezami (perijodu sussegwentement estiz ghal sitt xhur bl-Att XXIV tal-1995) u liema perijodu huwa wiehed ta' dekadenza, effettivament kien ghadda. Difatti filwaqt li l-bejgh sar zgur fil-21 ta' Marzu 1989, il-kontro-talba saret fit-13 ta' Ottubru 1989 u kienu saru t-tiswijiet (kif xehed Loreto Caruana) qabel is-sajf tal-1989 (l-ircevuti esebiti mill-konvenut mal-kontro-talba in effetti huma datati bejn Mejju u Lulju).

Ghaldaqstant filwaqt li t-talbiet tal-konvenut se jigu michuda, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha b'dan li, stante li l-perijodu ghall-pagament indikat fil-ftehim tal-21 ta' Marzu 1989 ilu li ddekorra, il-Qorti se tghaddi biex tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma bilancjali kollha minghajr beneficcju ta' terminu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad ukoll it-talbiet tieghu kontenuti fil-kontro-talba tieghu, tilqa' t-talbiet ta' l-attur, tiddikjara li l-konvenut (kif rappresentat mill-kuraturi) baqaghlu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1100 u tikkundanna lill-istess konvenut (kif rappresentat) ihallas lill-attur dik is-somma ta' Lm1100 bl-imghax mid-data tac-citazzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut (kif rappresentat).

Grazio Galea
D/Registratur